Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 67**
**it-Tlieta 28 ta'Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida Itaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:30 pm. Wara laqgha publika

**PREŻENTI:**

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Charles Selvaggi : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Renald Camilleri : Kunsillier

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Romina Galea : Viċi Sindku

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**67.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġija;**

67.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tas-Sinjura Romina Galea li talbet skuża għax ma’ tistax tattendi.
Il-Kunsilliera preżenti, aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

**67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

67.2.01 Il-minuti tas-Seduta L8-65 u L8-66 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil- minuti 65.5.12 u 65.5.16 u ġiet miżjuda 65.5.18
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

67.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda komunikazzjoni dwar skema marbuta mill-qrib mal-pubblikazzjoni tal-Leġiżlazzjoni dwar il-Cat Feeders fejn spjegat li din l-iskema se tkun miftuħa għal kull min jieħu ħsieb kolonji ta’qtates sakemm jkunu rreġistrati mal-Kunsilli Lokali skont il-pubblikazzjoni tal-avviż legali fil-jiem li ġejjin. Għalhekk Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali dalwaqt se jgħaddi linji gwida approvati dwar l-iskema biex il-Kunsilli Lokali jiġu diretti fuq il-kundizzjonijiet tal-iskema. Barra minn hekk, se jiġi mxerred spreadsheet file lill-Kunsill Lokali sabiex jiffaċilita r-reġistrazzjoni fejn se jintalbu dettalji li ġejja : Isem il-feeder; il-post fejn jintuża l-ikel ta' kull waħda mill-kolonji permezz ta' kordinati tal-GPS, in-numru ta' qtates f'kull kolonja, in-numru ta' qtates neutered u jekk disponibbli d-dettalji relattivi tal-mikroċipp.

**67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

67.4.01 B'referenza għal minuti 65.3.0, għarraf lill kunsilliera preżenti li l-komunikazzjoni tal-impjegata mislufa ġiet mgħoddija lid-dipartiment għal-Gvern Lokali għal verifika ma’Jobsplus dwar l- istatus tagħha li ġie konfermat li f'dan il-każ ma’tibqax tidher fil-kotba tal-kunsill u aġġornata biex tkun taħt il-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva li approvaw it-talba tagħha għall-estensjoni tas-servizz.
Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk din l-impjegata wara tistax tiġi lura fl-impjieg, is-Segretarju Eźekuttiv jwieġeb li le minħabba li f'Lulju se tkun laħqet l-età tal-irtirar u l- estensjoni tas-servizz huwa ma'Ministeru ieħor u mhux mal-Kunsill Lokali L-Imsida

67.4.02 B'referenza għal minuti 65.3.05, dwar skema "Ġonna Urbana", is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret spezzjoni fuq siti differenti sabiex ikun determinat kemm hemm bżonn siġar u liema speċi tkun addattata għal post. Saret ukoll l-applikazzjoni għal fondi biex jinxtraw 50 siġra (35 Żebbuġ / 15 Larinġ) li se jkunu allokati f'siti differenti fosthom Ċirku tal-Imsida, Dun Kalcidon Schembri, Traffic Islands li jinsabu go Triq tas-Swatar sa Triq Indrì Grima.

67.4.03 B'referenza għal minuti 65.3.06, is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kompetizzjoni Internazzjonali tat-Tug of War mhux ser issir go L-Imsida.

67.4.04 B'referenza għal minuti 65.4.02, is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li t-tabelli biex jidderieġu lin-nies lejn il-pedestrian crossing go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex ġew installati.

67.4.05 B'referenza għal minuti 65.4.03, dwar obbligu tal-kunsill f'rigward il- B.I.S , is-Sur Charles Selvaggi staqsa għal kjarifika dwar il-parti tal-minuti li tgħid saret diskussjoni / ma' kienx hemm konklużjoni.

Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li f'dik il-minuta ġie diskuss jekk jistax ikun identifikat post wieħed (1) li jista' jservi sakemm dan ikun kontrollat b'CCTV, li ma ġietx konkluża b' xi deċiżjoni għalhekk dawk li tieħdu f'minuti preċedenti dwar is-sit go Triq Victor Denaro (60.4.03) u li l-kunsill ma' għandux jċedi għal pressjoni mill- ERA biex iżid aktar siti (64.4.03) jibqa' fis-seħħ.

67.4.06 B'referenza għal minuti 65.4.06 dwar il-bankina bir-rampa relatata mal-permess ta' żvilupp PA/00876/17 go Triq Princess Margaret, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li mar uffiċċjal tekniku ta' CRPD fuq il-post li kkonferma li l-istat tal-bankina għandu jinbidel u bagħtu lill-iżviluppatur biex jagħmel it- tibdiliet. Talbu wkoll sabiex ssir pressjoni mill- kunsill Lokali peress li bankini jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar għal liema kunsill qed jirreferu li jagħmel pressjoni, minħabba il-permess tal- PA ħareġ fuq il-lokal Ta' Xbiex.

Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li f'dan il-każ il-bankina indikata tinsab fil-konfini tal-kunsill lokali Imsida li għandu jara kif iżid l-pressjoni.

67.4.07 B'referenza għal minuti 65.4.07, Is- Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret talba ma' Transport biex tikkunsidra l- pjan ta' mmaniġġjar ta' traffiku għal Triq C De Brockdorff minn Triq Gerry Zammit sa k/m Giovanni Schranz.

67.4.08 B'referenza għal minuti 64.4.10, Is-sur Maurice Agius staqsa dwar jekk ġietx solvuta il-problema ta' remote biex jiġi kontrollat id-dawl tal-Għajn tal-Ħasselin.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' setgħax jara jekk hux mill- battries minħabba li r- remote għadhom ma' ġewx għandu.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li hemm oħrajn li ħallihom l-uffiċju, filwaqt li s-Sur Jean Claude Borg għadda waħda minnhom lis- Segretarju Eżekuttiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-uffiċju għandu biss tlett remote li huma ta' dawl ieħor iżda mhux dak tal-Għajn tal-Ħasselin. Huwa jaf biss dwar għand min qeghdin tnejn iżda ma ġewx oħrajn għandu b'hekk ħa nota dwar ma' min ġie mgħarraf li ġew mgħoddija.

67.4.09 B'referenza għal minuti 65.4.13, sar il- vetting mid-Dipartiment għal Gvern Lokali u ħarġet is-sejħa pubblika biex ikun hemm persuna responsabbli għall-immaniġġjar ta' relazzjonijiet bejn il-komunità matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-proġett Msida Creek.

Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar meta tagħlaq is-sejħa, is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb wara nofs Ġunju fit-18.

67.4.10 B'referenza għal minuti 65.4.15, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx it-tindif tax-xelter.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li nxtraw żewġt portable rechargable flood lights li ġew mislufa lid-dipartiment għat-tindif b'dan l- iskop imma għadu ma'ġiex notifikat li dan sar u konkluż.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet li rat xi post fuq FB mill- NGO li ġibed l-attenzjoni dwar dan ix-xelter fejn kien qed juri li beda it-tindif iżda ma' jgħidx jekk dan hux lest u se tivverifika mad- dipartiment tat- tindif. Tkellmet ukoll dwar dak li qed jitlob l-NGO sabiex il-kunsill japplika għal devoluzzjoni tiegħu fejn wieġbet għas-suġġeriment tas-Sur Emanuel Brincat li ġa saret komunikazzjoni mad- dipartiment tal-artijiet biex tivverifika jekk dan ix-xelter hux go f'art privata jew pubblika. Jekk l-art hija proprjetà pubblika lil min jew lil liema entità hija devoluta u jekk l-art u ż-żona tal-madwar humiex magħżula għal xi tip ta' żvilupp? Jekk iva x'inhuma l-pjanijiet għall-konservazzjoni ta' dan ix-xelter?

67.4.11 B'referenza għal minuti 65.5.11, is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saritx verifika f'rigward ta' parkeġġ ta' dgħajsa fuq karru bla pjanċa mqabbad ma' karozza.

Is-Segretarju eżekuttiv wieġeb li verifika mal- avukat dwar karru ta' dgħajsa fejn ġie spjegat li sakemm dan jkun marbut ma' vettura anke jekk mhux qed issuq ma jistax jiġi mħarrek. F" rigward tal- pjanċa mhux mal-karru ġie mgħarraf li f'każi bħal dawn sakemm ma jkunx qed jiġi trasportat din tkun dibattibli fit- tribunal minħabba li din tista' tinsteraq. Spjega ukoll li mar fuq is-sit jivverifika dwar Karavan bis-saqajn imniżżla li għal bosta xhur kien qed jokkupa parkeġġ go Triq Indrì Grima. Dan għamlu għax kien mgħarraf li l-pjanċa ta' dan hija differenti minn tal-vettura għax tinbidel mis-sid skond il-bżonn u jħallih marbut biss b'katina. Hemm sab li l-pjanċa tal-karavan taqbel mal-vettura iżda xorta ħa' ritratti biex jgħaddihom lill LESA u TM. Issa rrid jara x'risposta jkun hemm.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-propjetarju ta'dgħajsa msemmija li ġie fuqu biex jgħid li jaf li huwa rrapporta fejn spjega lilu li jekk jirċievi llment huwa fid- dmir li jagħmel hekk. Iżda jekk l-awtorità tgħid li ma jista' jsir xejn dwar trejlers ta'dgħajsa jew karavan li jkun qed jokkupa parkeġġ allura dawn jistgħu jagħmlu hekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li min naħa tal-amministrazzjoni jinsab ċert li ħadt ma tkellem mal-propjetarju msemmi. F' rigward ta'trejlers jew karavan marbuta ma' vettura go parkeġġ li jista' ssir huwa li tinġibed l-attenzjoni li qed jkun hemm abbuż u ssir proposta ma' TM sabiex il-bord jindirizza din il-problema b'emenda fil-liġi.

67.4.12 B'referenza għal minuti 65.5.12, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret talba oħra lill pulizija kif ukoll il-kunsill bgħat ittra uffiċjali sabiex jitlob lill okkupant ineħħi t-tabelli li ma' jistax ssir parkeġġ fl- istess ħin kopja tal-ittra ġiet mwaħħla mal-bieb tiegħu.

Is-Sur Maurice Agius ikkonferma li sid il- bieb neħħa it- tabelli msemmija u minflok issa hemm notifika tal-PA dwar xi żvilupp.

67.4.13 B'referenza għal minuti 65.5.13, is-sur Maurice Agius staqsa dwar kif se jibqa' l-kunsill mal-iżviluppatur sabiex jieħdu ħsieb il- ħsarat li għamlu waqt xogħol żvilupp li sar go Triq u Sqaq J. Catania u r-railing go Triq Clarence. Hawn spjega li issa għadda żmien biżżejjed u hemm bżonn jittieħdu miżuri għax qed jinjora lill kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal ġurnata ta' qabel prova jagħmel kuntatt u ġie mgħarraf b'messaġġ text li dewmien mhux għax qed jinjora imma għax fil-mument maqbuda b'xogħol ieħor urġenti fejn wieġeb u ġibed l-attenzjoni li dawn ilhom żmien jiġu mitluba u flok saru baqgħu pendenti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li tintbagħat notifika legali.

67.4.14 B'referenza għal minuti 65.5.15 dwar parkeġġi riservati go Rue D'Argen għal nies bi bżonnijiet speċjali, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li wieħed minnhom sar parkeġġ normali filwaqt li l-kunsill huwa infurmat minn TM li għal mument l-oħra hija pendenti minħabba appell għad deċiżjoni li l-Blue Badge ġiet rtirata.

67.4.15 B'referenza għal minuti 65.5.17, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk saret l-ittra lill TM biex jimplimentaw linji sofor ġol parti ta' barra minn Triq Achille Ferris faċċata tal- iskate park u lil operatur kummerċjali biex iżarma l-mejda minn fuq il-bankina.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ittri saru.

67.4.16 B'referenza għal minuti 65.6.01 dwar ir-rapport Finanzjarju Trimestri għall-perjodu Jannar sal-aħħar ta' Marzu 2024, is-Sur Charles Selvaggi staqsa xi tfisser tnaqqis mis-surplus.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ammont fil-working Capital juri li hemm €427,345 jew F.S.I 61 % meta mqabbel mal-allokazzjoni finanzjarja ta' €701,406. Filwaqt li l- ispiża matul il-perjodu kienet ta' €14,711 aktar meta mqabbla ma' dħul li parti minnha huwa kwart tal-allokazzjoni sal-31 ta' Marzu 2024. Hawn fakkar li €416,700 huma fondi miżmuma għal proġetti ta' Ċirku Msida u Pjazza Victor Denaro.

**67.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

67.5.01 B'referenza għal minuti 65.5.15, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-Loading/Unloading bay li kien hemm quddiem tal-forn li għalaq go Triq D'Argen u poġġiet fuq il-mejda proposta sabiex din tiġi trasferita aktar il-fuq sabiex tiffaċilita l-operat ta' bosta attivitajiet kummerċjali go l- istess triq.

Is- Segretarju Eżekuttiv spjega li l-applikazzjoni qed titlob għal-implimentazzjoni skond rakkomandazzjoni minn Transport Malta (minuti 65.5.01). B'hekk dan ikun Timed Un/Loading għall-vetturi biex jipparkjaw għal 30 minuta mit-Tnejn sas-Sibt mid-8am sal-15.00pm b'sigħat li jifdal ikun parkeġġ mingħajr restrizzjonijiet.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew fejn għanda tiġi trasferita u approvaw unanimament.

67.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda korrispondenza mingħand l-uffiċjal reġjonali għal applikazzjoni ta' fondi mill- EU jew lokali f'rigward l-għotja tal-gvern għall-installazzjoni ta' faċilitajiet anċillari tar-roti. Hawn għarrfet lill kunsilliera preżent bil-kontenut fejn qed ikun ssuġġerita għal kunsiderazzjoni dawk is-siti li qabel kienu jew okkupati minn Next Bike jew kienu ppjanata għall- parkeġġ tal- E-Scooters. Għalhekk qed tipproponi sabiex ssir applikazzjoni għal wħud minn dawn is-siti bħal bankina go Triq isqof Caruana k/m Victor Denaro u jew oħrajn li mhux se jkunu affettwati bil-proġett tal Imsida Creek.

Il-Kunsilliera Preżenti ddiskutew u qablu unanimament fejn ġiet propost li ssir bike rack go Triq Dun Anton Abela wkoll.

67.5.03 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar karozza bla pjanċi u liċenzja li għal bosta ġimghat tħalliet mis-sid quddiem il-garaxx tiegħu fejn għarraf lill kunsilliera preżenti li wara li mar l-għassa tas-Sliema biex jagħmel rapport is-surġent tal-għassa ħa passi bi sticker u s-sid malajr mexxa il-vettura.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jieħu nota kif ukoll se jkellem lis-surġent jew l- ispettur biex jara għala ma' ħadux passi qabel meta b' komunikazzjoni mill- kunsill kien hemm ġa rapporti u talbiet għal assistenza.

67.5.04 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar Motor Cycle bay go triq tal-Hriereb k/m Qroqq li għal xi raġuni ma'għadhiex hemm

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ġie mgħarraf biha ftit jiem ilu fejn ivverifika u nota li fejn kien dan il-parkeġġ (mhux MC) sar it-tarmak biex jagħqad ma' xogħol li sar go triq tal-Qroqq. Għalhekk peress li dan kien viċin il-kantuniera ma'sarx mill kuntrattur għax ikun qed jimxi ma'struzzjonijiet ta' TM

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu li almenu jsir MC bay

67.5.05 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar id-double yellow line go triq tal-Hriereb f'tul kollu li għalkemm huwa infurmat li hemm il-permessi għadu ma' jistax jifhem għala sar għax ma jagħmilx sens u qed isservi biss biex jinqdew tal-lukanda.

Saret diskussjoni qasira u Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jerġa jivverifika.

_Nota tas- Segretarju Eżekuttiv._

Minħabba li din kienet l-aħħar seduta għal leġislatura 8 li waslet f'tmiem tagħha, il-membri tal-kunsill preżenti ħadu ftit ħin biex jitkellmu dwar l-esperjenza tagħhom matul dan il-perjodu, waslu ringrazzjament u esprimew sodisfazzjon għal mumenti fejn minkejja seta' ma' jkunx hemm qbil dejjem instab kompromess biex titwettaq il-ħidma tal-kunsill għal ġid tal-Imsida. Twassal ukoll ringrazzjament lill amministrazzjoni kif ukoll b'mod reċiproku ġie awgurat għal-elezzjoni tal-kunsilli lokali.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem f'rigward li se jibqa' fil -kariga tiegħu sal-aħħar ta'Ġunju fejn indika li jista' jkun possibbli dejjem jekk ikun konfermat li jkompli jaġixxi bħala Aġent sakemm jinħatar Segretarju Eżekuttiv ġdid skond il-proċeduri dwar l-għażla (Direttiva 1/2022).Fl- istess ħin irringrazzja lill kunsilliera preżenti li għalih kien privileġġ jaħdem magħhom tul iż-żmien li għamel fil-kariga li serviet ta' esperjenza sabiħa fejn tagħllem u awgura għal- elezzjoni .

**67.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat ;**

Ma kienx hemm rapporti

**67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

67.7.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-67 ta' ħlasijiet bejn l-1 ta' Mejju u 28 ta' Mejju 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l- iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u sekondat mis-sur Emanuel Brincat.

**67.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

67.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 06:37 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju fil-5:00 ta' filgħaxija

Minuti konfermati, illum 18 ta' Ġunju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |